

Hem>Lagstiftning och rättspraxis>Nationell rättspraxis

Każistika nazzjonali

Tyskland

Din il-paġna tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-ġurisprudenza fil-Ġermanja.

L-awtorità ġudizzjarja hija vestita fl-imħallfin; din tiġi eżerċitata mill-Qorti Kostituzzjonali Federali, mill-qrati federali u mill-qrati tas-16-il Reġjun (*Länder*) (ara l-Artikolu 92 tal-Liġi Bażika).

Bażijiet ta' *data* online tal-ġurisprudenza

Mill-2010 'il quddiem, il-Ministeru Federali tal-Ġustizzja u l-Protezzjoni tal-Konsumatur ippubblika ċerti deċiżjonijiet mill-Qorti Kostituzzjonali Federali, mill-qrati supremi federali u mill-Qorti tal-Privattivi Federali fis-sit tal-ġurisprudenza online *Rechtsprechung im Internet*. Din l-informazzjoni hija mingħajr ħlas għal kull min ikun interessat.

Barra minn hekk, il-Qorti Kostituzzjonali Federali u l-qrati federali jipubblikaw id-deċiżjonijiet fis-siti web tagħhom stess. Din l-informazzjoni hija mingħajr ħlas għall-użu mhux kummerċjali. L-istqarrijiet għall-istampa jġu ppubblikati fis-siti web ukoll, fejn jipprovdu informazzjoni dwar kawżi pendenti sinifikanti u dwar l-eżitu tagħhom.

Peress li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja hija stat federali, ir-Reġjuni jorganizzaw il-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-qorti tagħhom stess. Għal din il-fini huma stabbilew is-siti tagħhom stess, li l-ħoloq għalihom huma pprovduti fil-portal tal-ġustizzja federali u statali *Justizportal des Bundes und der Länder*.

Ħoloq relatati

[Rechtsprechung im Internet](#)

[Il-Qorti Kostituzzjonali Federali](#)

[Il-Qorti tal-Ġustizzja Federali](#)

[Il-Qorti Amministrattiva Federali](#)

[Il-Qorti tal-Finanzi Federali](#)

[Il-Qorti Industrijali Federali](#)

[Il-Qorti Soċjali Federali](#)

[Il-Qorti tal-Privattivi Federali](#)

[Justizportal des Bundes und der Länder](#)

L-aħħar aġġornament: 12/02/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.